

- 2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, il-qorti nazzjonali hija obbligata, permezz ta' evalwazzjoni diskrezzjonali bbażata fuq raġunament legali b'analoġija, li tiddefinixxi sistema legali adegwata għall-każijiet li fihom il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tissuġġettax l-interessi moratorji għall-iskadenza tat-terminu ta' għaxart'ijiem mill-għeluq tal-proċedura ta' verifika fiskali?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fit-12 ta' Marzu 2015 – Max-Heinz Feilen vs Finanzamt Fulda

(Kawża C-123/15)

(2015/C 213/23)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzhof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Max-Heinz Feilen

Konvenut: Finanzamt Fulda

Domanda preliminari

Il-moviment liberu tal-kapital li jirriżulta mill-Artikolu 63(1) moqri flimkien mal-Artikolu 65 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprevedi, fil-każ tas-suċċessjoni favur persuni li jappartjenu għal klassi partikolari ta' tassazzjoni, tnaqqis tat-taxxa tas-suċċessjoni jekk is-suċċessjoni tinkludi beni li, matul l-għaxar snin qabel din is-suċċessjoni, kienu diġà ġew akkwistati minn benefiċjarji li jaqgħu fil-klassi ta' tassazzjoni hawn fuq imsemmija u għal dan l-akkwist preċedenti tkun ġiet applikata taxxa tas-suċċessjoni f'dan l-Istat Membru, meta tnaqqis tat-taxxa tas-suċċessjoni huwa eskluż jekk l-akkwist preċedenti jkun ġie suġġett għal taxxa tas-suċċessjoni fi Stat Membru ieħor?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Oberlandesgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fit-30 ta' Marzu 2015 – Deutsche Parkinson Vereinigung e.V. vs Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs e.V.

(Kawża C-148/15)

(2015/C 213/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Oberlandesgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Deutsche Parkinson Vereinigung e.V.

Konvenuta: Zentrale zur Bekämpfung unlauteren Wettbewerbs e.V.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 34 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-iffissar ta' prezzijiet imposti għall-prodotti mediċinali mogħtija bi preskrizzjoni tat-tabib, stipulat mid-dritt nazzjonali, jikkostitwixxi miżura li għandha effett ekwivalenti fis-sens tal-Artikolu 34 TFUE?